MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 719/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Saviour Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Saviour Micallef ta’ 45 sena bin Nicholas u Carmela nee’ Vassallo, imwieled Siggiewi fit-30 ta’ Gunju 1965 u residenti 42 ‘San Nikola Di Bari’ Triq id-Difa, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 333765(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-12 ta’ Frar 2009 u fix-xhur precedenti f’dawn il-Gzejjer, fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur tas-Socjeta’ *Topfresh*

*Trading Limited*, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’dokument mahsub ghal awtorita’ pubblika u cioe’ lid-Dipartiment tad-Dwana, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta’ l-artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’isem il-Kontrollur tad-Dwana u qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement issottometta informazzjoni f’taghrif fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2009601004627 flimkien ma Fattura relattiva bin-Numru 030307 datata 20.01.2009 u Movement Certificate A. TR bin-NumruJ0721734 datat 05 ta’ Frar 2009, biex sussegwentement jkun jista’ jigi rilaxxat kontejner bin-numru UESU 5082150 b’konsenja ta’ 2528 kaxxa prodotti ta’ l-ikel, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali.

B’dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f’ dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li ghal dawk il-prodotti tal-ikel li fuqhom m’hemx dazju tal-importazzjoni, gholla l-valur, filwaqt li ghal dawk il-prodotti tal-ikel li fuqhom hemm id-dazju tal-importazzjoni, baxxa l-valur. Il-Valur dikjarat kien ta’ €21,434, Dazju mhallas kien ta’ €1,680 meta fil-fatt il-Valur u d-Dazju reali kellhom ikunu ta’ €26,109 u €2,244 rispettivament. B’hekk, bil-hsieb li jiffroda lil-Gvern ta’ Malta, huwa xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam filli bil-qerq jinharab id-Dazju li jammonta ghal €564. Il-merkanzija inkwistjoni kienet giet importata f’Malta fis-7 ta’ Frar 2009 mit-Turkija u giet

rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana TDID (Decleration) No. 2009601004627.

Dan bi ksur ta' l-artikoli:
a) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazju ta' importazzjoni Kap 337, tal-Ligijiet tad-Dwana.

Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 15.12.2004 liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-prochediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Lulju 2010 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu 2011, il-Prosekuzzjoni rtirat ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Marzu 2011 ghall-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u s-sitt(6) akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u s-sitt(6) akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll kkunsidrat l-fatt li kien hemm pattegjament mal-Kontrollur tad-Dwana.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188, 189, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u s-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

In vista tal-fatt li l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda dawn l-akkuzi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------